**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. Anna Mallia**

Seduta tal- 04 ta' Mejju, 2016.

TalbaNumru: 90/2015AM3

Numrufuqil-Lista: 02

**GO plc (C- C22334)**
**Fra Diego Marsa MRS 1501**

**vs**

**Swift Wing Company Limited (C35949)**
**27, Grognet Street,**
**Mosta**

**u**

**Aghill Jamal Ataher (ID 58370A)**
**32, Triq George Borg,**
**Tas-Sliema**

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fit-30 ta' Jannar, 2015 li permezz tieghu s-Socjeta' talbet il-hlas ta' tlett mija u tnejn u tletin ewro u erba` centezmi (€332.04c) liema ammont huwa in konnessjoni ma' servizzi ta' kommunikazzjoni moghtija mis-Socjeta' attrici lis-Socjeta' konvenuta.

Ra a fol 32 n-nota ta' cessjoni tas-Socjeta' attrici fil-konfront tal-konvenut l-iehor Aghill Jamal Ataher.

Ra mill-atti jirrizulta illi ghalkemm is-Socjeta' konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-avviz tat-talba u wkoll bl-avviz tas-seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra x-xhieda permezz tal-affidavit ta' Charmaine Psaila Wiffen in rapprezentanza tas-Socjeta' attrici li kkonfermat bil-gurament li l-ammont ghadu dovut mis-Socjeta' konvenuta fl-intier tieghu u d-dokumenti esebiti mal-avviz tat-talba.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lis-Socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' tlett mija tnejn u tletin ewro u erba centezmi (€332.04c) bl-imghax legali kontra s-Socjeta' konvenuta sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez huma a karigu tas-Socjeta' konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**